28 JAN 2026

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 621**

**It-Tnejn 22 ta' Diċembru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Leone Sciberras – Kunsillier
Toshera Schembri – Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Patrick Barbara – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

## 621.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

621.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sinjorina Martina Baldacchino u mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sinjorina Martina Baldacchino u l-Kaptan Patrick Barbara jkunu skużati.

## 621.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

621.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-minuti tas-620 il-laqgħa ġew unanimament approvati.

## 621.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

621.3.1 Is-Sindku qara l-minuti tal-laqgħa annwali li nżammet nhar il-Ħamis 11 ta' Diċembru 2025 u dawn ġew ippreżentati għall-konsiderazzjoni tal-membri preżenti. Is-Segretarju Eżekuttiv resqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-Estimi Annwali għas-sena 2026. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

621.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva komunikazzjoni uffiċjali relatata mal-applikazzjoni sottomessa taħt l-iskema SPI/SCI/07/2025 – Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità, li permezz tagħha ġie kkonfermat li wara l-evalwazzjoni mill-Bord ta' Evalwazzjoni, l-imsemmija applikazzjoni ġiet aċċettata u li l-Kunsill ser jingħata finanzjament ta' €85,112.51 VAT inkluż. Is-Sindku spjega li din l-iskema tinkludi żewġ proposti ewlenin, jiġifieri l-proġett ta' rinnovazzjoni u tisbiħ ta' Sqaq Nru 4 fi Triq il-Kbira, kif ukoll il-proġett ta' aċċess għall-informazzjoni dwar it-trasport pubbliku għall-persuni neqsin mid-dawl.

621.3.3 Is-Sindku tkellem dwar l-attività il-Mixgħela tal-Milied li ġiet organizzata nhar is-Sibt 6 ta' Diċembru 2025. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li din l-attività kienet ta' suċċess.

621.3.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien għaddej jaħdem flimkien ma' SEM bil-għan li jiġu sottomessi aktar applikazzjonijiet għall-finanzjament mill-Unjoni Ewropea. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien qed jistenna l-approvazzjoni formali mill-BCA sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju, kif ukoll fuq il-ħajt taċ-ċimiterju.

621.3.5 Is-Sindku rrefera għaż-żewġ applikazzjonijiet sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar li dwarhom il-Kunsill Lokali kien issottometta oġġezzjoni formali. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li nhar il-Ħamis 15 ta' Jannar 2026 ser isir is-smigħ relatat mal-applikazzjoni PA/02/0216/24 li tirrigwardja l-proposta ta' krematorju. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva wkoll petizzjoni mir-residenti tal-lokalità li esprimew it-tħassib tagħhom dwar din il-proposta u żied jgħid li l-Perit Nathaniel Sammut ser ikompli jassisti lill-Kunsill matul dan il-proċess, fid-dawl tal-fatt li kien hu l-perit tal-Kunsill fiż-żmien meta ġiet ippreżentata l-oġġezzjoni. Barra minn hekk, is-

Sindku ppropona li matul is-smigħ il-Kunsill ikun megħjun ukoll b'assistenza legali, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li f'dakinhar il-Kunsill ser ikollu dritt għall-vot. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet liema avukat kien ser jintalab dan is-servizz. Is-Sindku qal li, jekk il-Kunsill jaqbel, kienet ser tintalab l-assistenza legali ta' Dr Rachel Powell. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u din ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kien għaddej l-istadju ta' finalizzazzjoni tal-appell relatat mal-proposta ta' żvilupp tad-dar tal-anzjani f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u spjega li l-ewwel fażi tal-proċess tikkonsisti fit-tressieq tal-każ quddiem it-Tribunal tal-Planning Authority sabiex il-Kunsill joġġezzjona formalment għall-iżvilupp propost u f'każ li dan jiġi approvat xorta waħda jiġi sottomess appell quddiem il-Qorti ta' Malta. Dan bil-għan li tiġi mħarsa l-pjazza, fid-dawl tal-fatt li l-iżvilupp propost iħares fuq żona urbana u jaffettwa b'mod sinifikanti l-profil tal-bini eżistenti minħabba l-volum tal-iżvilupp, kif ukoll l-effett indirett li jista' jinħoloq fuq il-bini tal-madwar li potenzjalment ikun jista' jintlaħaq sa ħames sulari. Barra minn hekk, is-Sindku rrefera għat-tħassib relatat man-nuqqas u t-telf ta' spazji għall-parkeġġ, filwaqt li kkonferma li l-Kunsill kien qed jissottometti l-oġġezzjonijiet tiegħu skont il-*policies* applikabbli tal-Awtorità tal-Ippjanar. Is-Sinjura Anna Calleja talbet kopja tal-oġġezzjonijiet li ġew sottomessi f'isem il-Kunsill kif ukoll kopja tal-appell. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa jekk il-proposta ta' żvilupp setgħetx twassal sabiex il-ġirien tal-madwar ikunu jistgħu jiżviluppaw il-bini tagħhom sa ħames sulari. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sur Joseph Buttigieg irrimarka li fiż-żona diġa jeżisti bini li jilħaq għoli ta' erba' sulari. Is-Sindku qal li dan il-bini ma jħarisx fuq Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

621.3.6 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Leone Sciberras daħal għal-laqgħa.

621.3.7 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fis-sena 2026 ser jiġi mfakkar il-75 anniversarju tal-Inkurunazzjoni tal-Inkwadru tal-Madonna tal-Grazzja u ppropona li f'din l-okkażjoni jinbena mafkar fi Triq is-Santwarju, fil-viċinanzi ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi u tal-ħanut tal-funerali. Is-Sindku spjega li kienu għaddejjin taħditiet sabiex jiġi deċiż it-tip ta' mafkar li għandu jitwaqqaf, inkluż jekk dan għandux ikun plakka jew forma oħra. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-mafkar kienx ser isir minflok il-bust tal-Granmastru Hompesch. Is-Sindku qal li l-post eżatt kien għadu qed jiġi diskuss u żied jgħid li l-mafkar għandu jkun lest sa Settembru. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa pubblika ta' interess għall-artisti sabiex jissottomettu l-proposti tagħhom għall-bini tal-mafkar. Is-Sindku żied jgħid li d-diskussjonijiet dwar il-materjal li għandu jintuża kienu għadhom għaddejjin. Is-Sindku talab ukoll li jinħatar bord ta' evalwazzjoni u li dan għandu jkun kompost mis-Sur Reuben Pullicino, mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet x'għandu jiġi mitlub fis-sejħa ta' interess. Is-Sindku spjega li l-artisti għandhom jissottomettu disinn jew abbozz skont il-qisien li ser jiġu stabbiliti mill-Kunsill, flimkien ma' indikazzjoni tal-prezz u tal-materjal propost. Is-Sindku talab ukoll li s-sejħa ta' interess tibqa' miftuħa għal perjodu ta' tliet ġimgħat.

621.3.8 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li kienet ġiet organizzata attività b'kollaborazzjoni mal-Kulleġġ Santa Margerita, Skola Primarja B, fl-okkażjoni tal-festi tal-Milied. Is-Sindku żied jgħid li l-ispiża marbuta ma' din l-attività ammontat

għal €318. Is-Sindku qal li barra minnhekk, il-Kunsill kien ipprovda l-kotba li ġew mogħtija bħala premjijiet għall-okkażjoni tal-*Prize Day*.

### 621.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

621.4.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-26 ta' Novembru 2025 u t-22 ta' Diċembru 2025 li kienet tammonta għal €103,009.85.

621.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-2026 u qalet li ma kienet irċeviet l-ebda korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li kienet ser tibgħat tistaqsi jekk din il-polza kinitx ser terġa' tiġi mġedda permezz tagħhom. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded il-polza tal-assigurazzjoni tas-saħħa għall-2026.

### 621.5 Approvazzjoni tal-*Performance Bonus*

621.5.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-*performance bonus*, jiġifieri għaxra fil-mija (10%) għas-sena 2025.

621.5.2 Fis-6.45 ta' filgħaxija l-laqgħa ġiet sospiża temporanjament sabiex id-diskussjoni titkompla fi stadju ta' kumitat.

621.5.3 Fit-6.50 ta' filgħaxija l-laqgħa tkompliet.

621.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-rapport tal-*appraisal* tal-impjegati tal-Kunsill għas-sena 2025. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li l-impjegati tal-Kunsill jingħataw il-*performance bonus* skont il-lista annessa.

### 621.6 Deċiżjoni dwar il-kuntratti: Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC3/2024R)

621.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri preżenti li l-kuntrattur *Derek Garden Centre* kien għadu ma ppreżentax id-dokumentazzjoni meħtieġa relatata mal-*commencement notice*, minkejja li kienu ntbagħtu diversi *emails* ta' tfakkira lill-kuntrattur. Is-Sindku qal li kien kellem personalment lill-kuntrattur, li infurmah li bħalissa kien impenjat b'diversi proġetti kbar u talab li jingħata perjodu sa Jannar sabiex jinforma lill-Kunsill jekk hux ser jaċċetta jew jirrifjuta li jkompli b'dan il-proġett. Is-Sindku talab lill-Kunsill jistenna sa Jannar, fid-dawl tal-fatt li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jtemm dan il-kuntratt, ikun meħtieġ li jinbeda mill-ġdid il-proċess kollu u terġa' tinħareġ is-sejħa tal-offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat ukoll li din is-sejħa kienet diġa ħarġet darbtejn u ssuġġeriet li f'każ li l-kuntrattur jirtira jew iwaqqa' l-kuntratt, il-Kunsill għandu jikkunsidra li jitlob lid-Dipartiment għax-Xogħlijiet sabiex iwettaq dan il-proġett.

621.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li s-sejħa għal-offerti għal-Tindif ta' Toroq Mhux Urbani ZLC 3/2025 kienet ser tiġi ppubblikata matul il-ġurnata tal-għada.

621.6.3 Is-Sur Carlo Scicluna rrimarka li r-residenti ma jkunux konxji ta' dawn id-diffikultajiet u li n-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lilhom jista' jwassal sabiex jassumu li d-dewmien jew in-nuqqasijiet ikunu attribwiti mill-Kunsill. Għaldaqstant, is-Sur Scicluna talab li r-residenti jiġu nfurmati dwar id-diffikultajiet li l-Kunsill qed jaffaċċja.

- **Servizz ta' *Accountant Technician* (ZLC 2/2022)**

621.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-kuntratt li l-Kunsill għandu mal-kumpanija *GCS Accountancy Malta* kien ser jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2026 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

## 621.7 Jum Ħaż-Żabbar

621.7.1 Is-Sindku qal li fl-okkażjoni ta' Jum Ħaż-Żabbar is-serata ser issir fis-Sala Notre Dame jew jekk l-Arċipriet jaċċetta, issir fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sa llum il-Kunsill kien għadu ma ddeċidiex dwar l-għoti ta' ċertifikati ta' Radd il-Ħajr.

621.7.2 Fis-6.50 ta' filgħaxija il-laqgħa ġiet sospiża għal ftit minuti.

621.7.3 Fis-7.11 ta' filgħaxija il-laqgħa tkompliet.

621.7.4 Fis-7.11 ta' filgħaxija is-Sinjura Anna Calleja u s-Sinjorina Toshera Schembri talbu li jkunu skużati.

## 621.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

621.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-kawża Elmo Insurance Limited vs Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar u nfurmat lill-membri preżenti li t-Tribunal għal Talbiet Żgħar kien ta d-deċiżjoni finali tiegħu, li permezz tagħha l-każ inqata' kontra l-Kunsill, bit-Tribunal jilqa' t-talba mressqa mis-soċjetà attriċi u jiddikjara lill-Kunsill Lokali responsabbli iħallas għad-danni li s-soċjetà attriċi kienet kostretta tħallas fil-kapaċità tagħha ta' assikuratriċi tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni LDL 227, u ikkundanna lill-Kunsill iħallas is-somma ta' elf, tmien mija, erbgħa u tmenin ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€1,834.85). Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-każ kien dwar inċident li seħħ matul is-sena 2022 meta siġra waqgħet fuq vettura pparkjata fi Triq iċ-Ċawsli u kkawżat ħsarat konsiderevoli. Wara li tqies il-parir mogħti mill-avukat legali tal-Kunsill, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li ma jressaqx appell minn din id-deċiżjoni u li jitlob parir legali dwar jekk, skont il-kuntratt ZLC 3/2021, il-Kunsill għandux dritt ifittex irkupru tal-ispiża mħallsa mingħand il-kuntrattur responsabbli mit-tindif u ż-żamma tas-*soft areas*, is-Sur Christopher Bonello.

## 621.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

621.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg talab spjegazzjoni dwar it-tneħħija tal-bank li kien jinsab fi Triq is-Santwarju, fil-kantuniera ma' Triq il-Kbira. Is-Sindku spjega li l-bank kien jinsab quddiem stabbiliment kummerċjali u li t-tneħħija tiegħu saret wara talba tas-sid tal-istess stabbiliment.

621.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-Kunsill li l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja li tinsab fi Triq is-Santwarju kienet għadha mhux mixgħula. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur responsabbli mit-tiżjin tal-Milied kien mistenni jikkonnettja d-dawl, filwaqt li kkonferma li kienu għaddejjin ukoll komunikazzjonijiet mal-kuntrattur responsabbli mid-dawl tat-toroq peress li hemm il-ħtieġa li tithaffer trinka taħt il-bankina sabiex issir il-konnessjoni mas-sistema tad-dawl tat-triq. Is-Sur Buttigieg staqsa dwar jekk l-istatwa kinitx ser tkun mixgħula matul il-perjodu tal-Milied, is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

621.9.3 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li tiġi rranġata bankina quddiem ir-residenza numru 12 fi Triq Tumas Dingli minħabba li kienet perikoluża.

621.9.4 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li Triq Sant' Antnin fil-viċinanzi ta' Triq il-Barumbara issir direzzjoni waħda. Is-Sindku qal li kien ser jitlob lill-perit tal-Kunsill sabiex jipprepara studju ta' ġestjoni tat-traffiku għal din iż-żona. Is-Sur Mark Grech esprima qbil mal-proposta tas-Sur Buttigieg u ġew diskussi diversi alternattivi bil-għan li titjieb is-sistema tat-traffiku f'dawn l-inħawi. Is-Sindku żied jgħid li f'din iż-żona kien diġa ġie mfassal *master plan* minn Infrastruttura Malta b'rabta max-xogħlijiet ta' Triq Villabate.

621.9.5 Is-Sur Carlo Scicluna ressaq diversi lmenti li sa llum ma kinux ġew indirizzati, fosthom li s-sinjali sofor quddiem id-daħla tal-għalqa fi Triq tal-Labour baqgħu ma sarux. Is-Sindku qal li kien ser jerġa' jressaq l-ilment lill-Infrastruttura Malta. Is-Sur Scicluna rrefera wkoll għat-tabella li tindika li ma tistax issir *u-turn* quddiem il-grawnd ta' St Patrick li kienet għadha ma twaħħlitx, u semma wkoll l-estensjoni tal-bankina fi Triq San Leonardu kantuniera ma' Triq iż-Żarżarell. Is-Sur Scicluna rrefera għat-talba li kien ressaq fil-laqgħa annwali sabiex il-bozoz tad-dawl fi Triq Santa Duminka jiġu mibdula għal *LED*. Barra minn hekk, is-Sur Scicluna rrapporta li d-dawl tat-taraġ ta' taħt l-ex venda fi Triq is-Santwarju kien mitfi.

621.9.6 Is-Sur Leone Sciberras informa lill-Kunsill li kien irċieva talba mingħand individwu sabiex issir laqgħa mal-Kunsill, bil-għan li ssir preżentazzjoni dwar il-mod kif tista' titwaqqaf u titmexxa koperattiva għall-ġestjoni ta' dar tal-anzjani, b'riferiment partikolari għall-proġett propost tad-Dar Sagra Familja. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sur Sciberras sabiex jinforma lil dan l-individwu biex jibgħat *email* formali lill-Kunsill dwar din it-talba.

621.9.7 Is-Sur Joseph Agius staqsa meta kienu ser isiru s-sinjali sofor fil-kantuniera ta' Triq San Ġużepp ma' Triq Nikol Biancardi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dawn is-sinjali kienu ser isiru fil-jiem li ġejjin.

621.9.8 Is-Sur Joseph Agius qal li kien ilu jressaq talba sabiex titwaħħal tabella diġitali fi Triq is-Santwarju, faċċata tal-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li tindika fi x'ħin ser jgħaddi t-trasport pubbliku. Is-Sindku spjega li huwa diġa kien iddiskuta din il-proposta mal-*Public Transport* u ċċara li tali tabella m'hijiex xi ħaġa li tista' tiġi implimentata mill-Kunsill, filwaqt li żied jgħid li tabella diġitali tirrikjedi diversi interventi u xogħlijiet, fosthom l-installazzjoni ta' *meter* tad-dawl, *internet* u t-tħaffir ta' trinka sabiex issir il-konnessjoni tad-dawl.

621.9.9 Is-Sur Joseph Agius ressaq talba li kien irċieva mingħand residenti dwar għalqa tal-Gvern li tinsab fi Triq il-Farfett tal-Fejġel, bil-għan li din tiġi kkonvertita fi ġnien pubbliku. Is-Sindku ċċara li l-imsemmija proprjetà hija privata. Is-Sur Agius talab ukoll li jsir friskar taż-żebgħa fi Triq il-Berebis. Barra minn hekk, irrimarka li kien hemm żball ta' ortografija fit-tabella tal-isem ta' Triq il-Berebis.

621.9.10 Is-Sindku talab li fi Sqaq id-Dejqa u fi Triq il-Ġnien jiġu nstallati *bollards* tal-ġebel minflok *bollards* tal-ħadid. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li l-installazzjoni ta' dawn il-*bollards* tirrikjedi permess minn Transport Malta.

621.9.11 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsir in-numerar tal-bibien fi Triq Villabate, minn Triq San Ġużepp sa Triq in-Newl. Is-Sindku qal li dan il-proċess diġa nbeda.

621.9.12 Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill li kien ilu jirrapporta bozza maqtugħa mal-ħajt fi Triq Ħadd in-Nies kantuniera ma' Triq in-Newl u li sa llum kienet għada ma tixgħelx. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ser jerġa' jgħaddi rapport lill-Korporazzjoni Enemalta dwar dan il-każ.

**621.10 Mozzjonijiet**

621.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**621.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

621.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar, 2026 fis-6.00 ta' filgħaxija.

621.11.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.39 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-622 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 ta' Jannar, 2026.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku